

32004L0055

L 114/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

17.1.2004

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2004/55/KE

tal-20 ta' April 2004

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE dwar il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti għall-għalf

(Test b'relevanza għall-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing ta' żerriegħa ta' pjanti għall-għalf⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 2(1a) u 21a tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 66/401/KEE tinkludi lista tal-ġeneri u speċi tal-pjanti li huma kunsidrati bħala pjanti għall-għalf fis-sens ta' din id-Direttiva. Din il-lista tinkludi ibridi li jirriżultaw mit-taħlit tal-meadow fescue (*Festuca pratensis* Hudson) ma' l-Italian ryegrass (*Lolium multiflorum* Lam).
- (2) L-għan tad-Direttiva 66/401/KEE għandu jiġi estiż biex ikopri taħlit tal-*Festuca* spp. mal-*Lolium* spp.
- (3) Id-Direttiva fuq imsemmija, fil-kuntest tal-kondizzjonijiet li jridu jkunu sodisfatti biż-żerriegħa, stabbiliet it-tnibbit minimu (% taż-żerriegħa pura) taż-żerriegħa tal-favetta (*Vicia faba* L.).
- (4) It-tnibbit minimu taż-żerriegħa tal-favetta (*Vicia faba* L.) miksub fil-preżent fil-Komunità huwa anqas minn dak mitlub mid-Direttiva 66/401/KEE.
- (5) Id-Direttiva 66/401/KEE għandha għalhekk tkun emendata għal dawn ir-raġunijiet.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Materjal Propagatorju għall-Agrikoltura, Ortikoltura u Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 66/401/KEE hija emendata skond kif ġej:

1. fpunt (a) ta' Part A tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 il-kliem "Festuca pratensis Hudson x Lolium multiflorum Lam. Ibridu li jirriżulta mit-taħlit tal-meadow fescue ma' l-Italian ryegrass (inkluż il-Westerwold ryegrass) (x Festu-lolium)"

huma mibdula bil-kliem

"Festuca spp. x Lolium spp. Ibridi li jirriżultaw mit-taħlit ta' speċi tal-genus *Festuca* ma' speċi tal-genus *Lolium* (x Festu-lolium)"

2. L-Annessi II u IV huma emendati kif ġej:

- (a) fil-kolonna 2 tat-tabella fit-taqsimi I.2.A ta' l-Anness II, fid-dħul li għandu x' jaqsam ma' *Vicia faba*, "85" huwa mibdul bi "80".
- (b) fil-punt I (a) 4 u (c) 4 ta' taqsimi A ta' l-Anness IV is-sentenza li ġejja hija miżjuda:
"Fil-każ ta' x *Festulolium* l-ismijiet ta' l-ispeċi fil-genus *Festuca* u l-*Lolium* għandhom ikunu indikati"

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex titħares id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2004. Għandhom mingħajr dewmien jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella korrispondenti bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza meta jkunu pubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fl-oqsma koperti b' din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Id-Direttiva skond kif emendata l-aħħar bid ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66. Id-Direttiva skond kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).<0